# IT-TIENI PARTI

## QORTI ĊIVILI — PRIM'AWLA

**8 ta' Jannar, 1962.**

**Imħallef:—**

**Onor. Prof. Jos. H. Xuereb, LL.D.**

Giuseppa Caruana

*versus*

Teresa Caruana

**Sekwestru — Alimenti — Nullità — Notifika — Art. 382(3) u 378(2) tal-Kap. 15.**

*Il-proċedura speċjali li bis-saħħa tagħha l-mara, li tkun kanonizzata kreditriċi kontra żewġha għall-alimenti, tista' titlob u tottjeni mill-Qorti ordni fis-sens illi l-persuna li għandha tħallas is-salarju jew paga lill-żewġha żżomm minn dik il-paga is-somma tal-alimenti lilha dovuta u tħallasha direttament lilha, hija ħaġa differenti mis-sekwestru veru u proprju, għalkemm għandha l-effetti ta' sekwestru.*

*Għall-ħruġ ta' ordni simili mhux meħtieġ li r-raġel ikun naqas mill-ħlas tal-alimenti; u kwindi r-raġel ma jistgħax jinvoka n-nullità ta' dak l-ordni fuq il-motiv li huwa dejjem ħallas regolarment l-alimenti minnu dovuti.*

*Lanqas ma hu motiv ta' nullità ta' ordni simili l-fatt li ma jkunx ġie notifikat dak l-ordni lid-debitur tal-alimenti. Għalkemm din in-notifika mhux dejjem hi barra minn lokha, mhix però essenzjali għall-validità tal-proċedura għall-ħruġ ta' dan l-ordni, anzi f'ħafna każi timporta spejjeż inutili.*

Il-Qorti:— Rat iċ-ċitazzjoni li biha l-attur, wara li ppremetta illi l-konvenuta fuq rikors tagħha tat-13 ta' April 1961, mingħajr anqas ma ġie notifikat l-attur, b'digriet ta' din il-Qorti tal-15 ta' April 1961 (dok. A), otteniet l-applikazzjoni tal-proċedura kontemplata fl-art. 382(3) tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili, b'mod li mis-salarju tal-attur ġie ordnat li titħallas direttament lill-konvenuta s-somma ta' £3.6.0 fil-ġimgħa bħala alimenti għaliha u għaż-żewġ

uliedha minuri Salvina u Giovanna Caruana; billi l-motiv miġjub mil-konvenuta ma jiġġustifikahiex li tipprevali ruħha minn dik il-proċedura, li tekwivali għal mandat ta' sekwestru, għaliex l-attur sa dakinhar kien dejjem puntwali fil-pagament tal-alimenti; billi l-imsemmi provvediment ma ġiex notifikat lill-attur skond kif jirrikjedi l-art. 378(2) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, u għalhekk l-eżekuzzjoni tal-imsemmi digriet hija nulla u bla effett; talab li, premessi d-dikjarazzjonijiet meħtieġa u mogħtija l-provvedimenti opportuni, (1) tiġi revokata l-eżekuzzjoni tal-imsemmi digriet, li tekwivali għall-eżekuzzjoni ta' mandat ta' sekwestru eżekuttiv, għaliex il-konvenuta ma kienetx intitolata titlob il-ħruġ tiegħu, (2) u fi kwalunkwe każ, l-istess provvediment jiġi dikjarat null u bla ebda effett, billi din il-Qorti ordnat l-eżekuzzjoni tiegħu mingħajr ma ottemperat ruħha mad-dispożizzjoni tal-art. 378(2) tal-Proċedura Ċivili fuq imsemmi. B'riżerva għad-danni, u bl-ispejjeż kontra l-konvenuta;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi l-kwistjoni odjerna hija waħda ta' natura legali; infatti l-partijiet jaqblu għal dak li huma fatti, u ċjoè li l-attur kien ġie kundannat iħallas rata alimentarja lill-konvenuta. Iiema rata huwa kien ħallas regolarment saż-żmien li l-konvenuta talbet u otteniet ordni mill-Qorti fis-sens tal-art. 382(3) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili. Il-kwistjoni hi appuntu fis-sens li l-attur jgħid li ma kienx hemm lok għal dan l-ordni, billi hu kien qiegħed iħallas regolarment l-alimenti, u f'kull każ kellu jiġi notifikat bil-ħruġ tal-istess ordni, mentri li l-konvenuta tgħid li l-Qorti tista' toħroġ ordni simili anki taħt ċirkustanzi simili; liema ordni, tkompli tgħid, ma hemmx bżonn li jiġi notifikat lid-debitur;

Illi għall-aħjar kjarezza huwa utili li ż-żewġ aspetti tal-kwistjoni jiġu trattati separatament; iżda qabel ma jsir dan huwa opportun li wieħed jara l-vera natura tal-ordni in kwistjoni, billi dan jiswa għas-soluzzjoni taż-żewġ kwistjonijiet;

Illi l-Qorti ma tistgħax ma tgħidx li dan l-ordni huwa proċedura speċjali ntrodotta mill-leġislatur "biex tissimplifika u tnaqqas l-ispejjeż tal-proċedura għat-twettieq ta' ordnijiet għall-mantenimment fuq salarji, eċċ.", billi dawn il-kliem użahom l-istess leġislatur fl-"Objects and Reasons" meta ħareġ l-abbozz (fl-1937) tal-emenda tal-liġi apportata in segwitu bl-art. 2 tal-Ordinanza XXXVI tal-1938. F'dan il-każ, infatti, huwa l-istess leġislatur li qiegħed jitkellem, a differenza tad-dibattiti f'parlament, li kulltant jixħtu dawl indirett biss fuq il-liġi. Il-portata tal-emenda in kwistjoni però tidher ċara, meta wieħed jara kif kienet il-liġi qabel l-istess emenda, meta ċjoè il-Qorti (in forza tal-emenda apportata bl-Att XII tal-1924 — art. 4) setgħet tistabbilixxi li parti minn salarju, non ostante d-divjet ġenerali f'parti preċedenti tal-istess artikolu, setgħet tkun soġġetta għas-sekwestru f'każi ta' alimenti stabbiliti mill-Qorti. Infatti dan juri li l-leġislatur ried ibiddel dik il-proċedura u joħloq proċedura ġdida li jkollha l-effetti ta' sekwestru, iżda li tiddifferixxi minn sekwestru veru u propriju. Il-kliem tal-emenda li jindikaw l-iżjed dan huma li "in-notifika ta' dan l-ordni lill-persuna li għandha tagħti s-salarju........ għandha l-istess effett daqs mandat ta' sekwestru";

Illi d-differenza bejn din il-proċedura u dik tas-sekwestru tinstab ukoll fil-fatt li hija applikabbli biss għall-ammonti dovuti lill-persuna alimentanda għar-raġunijiet espressament indikati mill-liġi u fil-kontenut tal-ordni dwar l-ammont stabbilit mill-Qorti, billi l-ħlas relattiv isir lill-persuna alimentanda, mentri li fis-sekwestru normali s-sekwestratarju jrid iżomm l-ammont f'idejh, salvi l-obbligi tiegħu dwar dikjarazzjonijiet u depożitu stabbiliti fl-art. 379, 380 u 381 tal-Liġi tal-Proċedura. Differenza oħra hija fornita minn dawk il-każi straordinarji fejn (per eżempju meta l-alimentanti jkun sejjer isiefer) jittieħdu passi għall-kawtela tal-alimenti futuri bil-mezzi eżekuttivi ordinarji, u mhux bil-mezz tal-ordni in diżamina, billi din tippresupponi li l-alimentanti sejjer jibqa' Malta u jibqa' jaħdem fil-post li jkun, u ċjoè hija ntiża biex tikkawtela l-ħlas ta' alimenti futuri fil-kors normali u ordinarju tal-ħajja;

Ikkunsidrat, fuq il-kwistjonijiet fuq imsemmija;

Illi; in vista, ta' dak li ntqal, ir-rekwiżit sottomess mill-attur: billi huwa neċessarju, fis-sens li d-debitur irid ikun naqas milli jħallas biex jista' jinħareġ ordni simili kontra tiegħu, ma jidhirx, fil-fehma tal-Qorti, li hemm għalfejn ikun jeżisti; u verament, li kieku kien hemm din in-neċessità, ma jistgħax ikun possibbli li ordni simili jkun kontenut fis-sentenza: li takkorda l-alimenti stess, billi allura ebda rata tal alimenti ma tkun skadiet. L-iskop tal-proċedura speċjali in kwistjoni, kif rilevat, jidher spikkat iżjed taħt ir-riflessi tad din iċ-ċirkustanza partikulari in eżami, u ċjoè li l-ħlas tal-alimenti stabbiliti jiġi assikurat għall-futur mingħajr il-bżonn tan-nuqqas tad-debitur li jħallas kemm il-darba l-Qorti jidhrilha li ċ-ċirkustanzi jiġġustifikaw ordni simili. L-istess ħaġa trid tingħad dwar l-ordni li jingħata b'digriet fuq rikors wara li tkun ġa ġiet fissata r-rata alimentarja, u possibbilment għaliex din ma tkunx tħallset, billi l-istess l-ordni jkun jirriferixxi għal rati futuri wkoll li jkunu għadhom ma skadewx; b'mod li dan ir-rekwiżit tan-nuqqas ta' ħlas ta' alimenti ma jistgħax ikun kondizzjoni essenzjali biex jingħata l-ordni stess, u hija biżżejjed il-possibbiltà li l-ħlas ma jsirx. Ċertament hija l-Qorti li tara u teżamina din il-possibbiltà, u kwindi tiddeċidi jekk hux spedjenti li tingħata din l-assikurazzjoni tal-ħlas tal-alimenti bil-mod in kwistjoni; u hu għalhekk li kif jingħad fl-artikolu in eżami, hija tista' tagħmel dan "jew fis-sentenza jew b'digriet li jingħata fuq talba għal daqshekk minn għand l-alimentand";

Illi, dwar in-nuqqas tan-notifika tal-ordni lid-debitur tal-alimenti, il-Qorti hi tal-fehma li din mhux fil-fatt ta' essenza għall-proċedura taħt eżami b'mod li mingħajr l-istess notifika l-eżekuzzjoni relattiva tkun nulla u bla effett. Fl-ewwel lok, jiġi ripetut li ordni simili mhux fil-fatt mandat ta' sekwestru, u kwindi f'nuqqas ta' dispożizzjoni espressa f'dan is-sens, ebda nullità ma għandha tiġi komminata; u verament l-art. 382(3) isemmi biss "in-notifika lill-persuna li għandha tagħti s-salarju . . . . . .". mentri li l-art. 378, li jitkellem fuq is-sekwestru, jidher li jagħti mportanza ferm relattiva lin-notifika lid-debitur sekwestrat (inċiż 2), billi, għal dak li jirrigwarda l-eżekuzzjoni tal-mandat, dan isir (inċiż 1) "billi tingħata kopja bil-mezz tal-marixxall lis-sekwestratarju"; in-notifika lid-debitur issir "a titolo" ta'

informazzjoni biss u wara dik lis-sekwestratarju, u hekk jista' jiġri fil-każi normali ta' sekwestru dak li minnu qiegħed jilmenta l-attur, u ċjoè li jsib li ma jistgħax jirċievi l-flus meta jitlobhom lis-sekwestratarju. U hawn ta' min jinnota li fil-każ tal-ordni in kwistjoni ma jirrikorrux l-istess raġunijiet li jirrikorru fil-każ tas-sekwestru b'riferenza għan-notifika lid-debitur; infatti, fl-ewwel każ dan l-ordni jista' jingħata biss f'każi meta d-debitur normalment hu mistenni li jmur jirriskwoti hu stess dak li għandu jirċievi minn għand id-debitur tiegħu (li jkun irċieva l-ordni biex ma jħallasx), u kwindi hu jsir jaf bil-ħruġ tal-ordni meta jmur biex jirċievi s-salarju, eċċ., mentri li fil-każ tas-sekwestru normali s-sekwestratarju jkun, bħala regola, taħt l-obligu li jmur iħallas hu lid-debitur sekwestrat, u kwindi dan, jekk ma jkunx jaf bis-sekwestru, ikun ġustifikat li jaġixxi kontra s-sekwestratarju li ma jħallsux, u hekk isiru spejjeż inutili, b'mod li f'dan il-każ in-notifika lid-debitur hija iżjed indikata, u hija suġġerita wkoll mir-relazzjonijiet interċedenti bejn id-debitur u s-sekwestratarju;

B'dan, però, il-Qorti ma tridx tgħid li f'każ tal-ordni in kwistjoni n-notifika lill-alimentanti tkun bilfors barra minn lokha, iżda biss li mhix essenzjali għall-validità tal-proċedura stess; mill-banda l-oħra, però, f'ħafna każi din timporta spiża inutili, billi, kif ġa rilevat, fil-ġeneralità tal-każi, bħal dak preżenti, fejn l-attur jirċievi l-paga fil-ġimgħa li jirtira huwa stess, il-probabbiltà tkun li jsir jaf bl-ordni qabel ma jirċievi n-notifika, u preċiżament meta jmur għas-salarju; u din tista' tkun raġuni biex in-notifika, li mhix imposta b'liġi espressa, ma tiġix ordnata f'każ partikulari;

Naturalment, dan qiegħed jingħad dwar in-notifika tal-ordni wara li jkun sar, u meta d-debitur ma jkunx ġie notifikat bid-domanda tal-alimentand; billi, jekk ġiet notifikata d-domanda, in-notifika tal-ordni ma tkunx żgur meħtieġa, billi d-debitur ikun segwa kollox mill-bidu. Kwantu għan-notifika tad-domanda stess, għalkemm din hija possibbli (din turi differenza oħra bejn ordni simili u sekwestru fis-sens normali, billi f'każ ta' sekwestru n-notifika preventiva lid-debitur hija kontra n-natura stess ta' proċedura simili), ma jidherx li għandha ssir dejjem

bħala neċessità għall-validità tal-proċedura stess, billi l-Qorti tista' tħoss li għandha biżżejjed quddiemha biex toħroġ l-ordni, u kwindi tirregola hi stess dak li għandu jsir. Dan l-ordni fil-fatt ma jikkaġuna ebda ħsara lid-debitur; u anzi, fil-waqt li hu ta' utilità għall-alimentand, jiddispensa lill-alimentanti mill-obligu tal-ħlas tal-alimenti fid-dar tal-alimentand. F'kull każ, in-nuqqas ta' din in-notifika tad-domanda tal-konvenut biex jinħareġ l-ordni mhijiex fost il-kawżali taċ-ċitazzjoni;

Għal dawn il-motivi;

Il-Qorti taqta' l-kawża billi tiċħad it-talbiet tal-attur. L-ispejjeż, in vista taċ-ċirkustanzi tal-każ, li jinfluwixxu fuq in-natura tal-kwistjoni, jibqgħu mingħajr taxxa; però, id-dritt tar-Reġistru jitħallas mill-attur.